**109. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-seduta Nru 318 tat-13 ta' Ottubru 1981 il-Kamra tad-Deputati approvat it-trasferiment ta' siti u faċilitajiet oħra lil San Lucian Oil Company Limited;

U billi l-istess Kumpannija talbet li testendi l-perjodu tal-kirja;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni specjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kirja fuq imsemmija tiġi estiża u modifikata kif jirriżulta mill-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

15.12.1988